# ĠIMGĦA TA’ TALB
# GĦALL-GĦAQDA FOST L-INSARA
# 2011

*Ħaġa waħda fit-tagħlim tal-appostli u fl-għaqda ta’ bejniethom, fil-qsim tal-ħobż u fit-talb* (Atti 2,42)

Kummissjoni Ekumenika Djoċesana
Arċidjoċesi ta’ Malta

Jannar 2011

**Werrej**


- Daħla (Dun Hector Scerri) 3
- Tagħrif Ġenerali (Sur Carm Grima) 5
- Ħsieb qasir għal kull ġurnata (Dun Hector Scerri) 10
- Talbiet ta' Maħfra (Dun Reuben Gauci) 14
- Talbiet tal-Komunita' (Dun Reuben Gauci) 14
- Adorazzjoni animata (Dun Hector Scerri) 17
- Tagħrif ieħor (Dun Reuben Gauci) 28

# DAĦLA

Qed joqrob iż-żmien li fih aħna l-Kattoliċi, flimkien mal-Insara tad-dinja kollha, nagħmlu ġimgħa ta' talb għall-għaqda fost l-Insara. Dan l-appuntament fiss fil-kalendarju – bejn it-18 u l-25 ta' Jannar – issa indara, u f'dawn l-aħħar snin, il-Kummissjoni Ekumenika qed tieħu ħsieb li twassal xi materjal li jista' jkun ta' għajnuna għalik fil-ħidma pastorali tiegħek.

F'dan il-ktejjeb, għandek issib: Introduzzjoni għat-tema magħżula għall-2011, Ħsieb qasir għal kull ġurnata, Talbiet ta' maħfra, u Talbiet tal-Komunita', Adorazzjoni u xi informazzjoni oħra. Nittama li dan il-materjal ikun utli għalik u għal dawk li inti responsabbli minnhom – fil-parroċċa, fil-komunita' reliġjuża tiegħek, fil-grupp, għaqda jew moviment li inti tieħu ħsieb, jew fil-kulleġġ jew skola li inti tmexxi. Dan il-materjal huwa wkoll disponibbli b'mod elettroniku mis-sit tal-Arċidjoċesi, jew jekk tibgħatli e-mail.

It-tema għal din is-sena – magħżula, bħal kull sena, mill-Kunsill Pontifiċju għall-Promozzjoni tal-Għaqda fost l-Insara u mill-Kunsill Dinji tal-Knejjes – hija meħuda mill-Atti tal-Appostli (2,42): "*Ħaġa waħda fit-tagħlim tal-appostli u fl-għaqda ta' bejniethom, fil-qsim*

*tal-ħobż u fit-talb*”. Nittama li din is-silta mill-Kelma t’Alla tkun ta’ ispirazzjoni għalik u għal ħutek fil-post fejn qed taqdi l-missjoni tiegħek.

Din is-sena, fil-messaġġ qasir tiegħi, ma nistax ma nsemmix lir-Rev. Professur Maurice Eminyan S.J. li għadda għall-ħajja ta’ dejjem, ftit ġimgħat ilu, nhar l-14 ta’ Diċembru 2010. Patri Eminyan ħadem ħafna għall-ekumeniżmu f’Malta, u kien ukoll responsabbli tal-Kummissjoni Ekumenika sa Settembru 2008. Il-Knisja f’Malta hija grata ħafna lejn il-ħidma effikaċi ta’ dan is-saċerdot – ħidma f’ħafna oqsma, fosthom ir-relazzjonijiet ma’ nsara oħra. J’Alla l-ħeġġa u l-impenn ta’ Patri Eminyan ikomplu jispirawna, l-aktar biex bħalu ngħaqqdu t-teoloġija mal-ħajja ta’ kuljum.

Inselli għalik u nixtieqlek kull ġid fil-Mulej.

Dun Hector Scerri

President – Kummissjoni Ekumenika Djoċesana

Tel. 25906502, 21443543

e-mail: ecumenical.commission@maltadiocese.org

# TAGĦRIF ĠENERALI

## Introduzzjoni għat-tema tas-sena 2011

### *Il-Knisja f'Ġerusalemm il-bieraħ, il-lum, għada*

Nhar Pentekoste, elfejn sena ilu, l-ewwel dixxipli miġburin f'Ġerusalemm esperjenzaw il-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu u ngħaqdu flimkien bħala l-Ġisem ta' Kristu. F'dak l-avveniment partikolari l-Insara kollha ta' kull żmien jaraw il-bidu tagħom bħala komunita' tal-fidili, magħqudin flimkien biex jipproklamaw lil Gesu' Kristu bħala s-Sid u Salvatur tagħhom.

Mhuwiex diffiċli biex tara kemm hemm xebħ bejn is-sitwazzjoni ta' l-ewwel Insara fil-Belt Imqaddsa u l-Knisja ta' Ġerusalemm tal-lum. Il-komunita' tal-lum tesperjenza ħafna ferħ u tbatijiet li kellha l-Knisja fil-bidu tagħha.

Il-Knejjes f'Ġerusalemm tal-lum joffrulna viżjoni ta' xi tfisser li titħabat għall-għaqda, anke waqt problemi kbar. Huma juruna li l-għajta għall-unita' tista' tkun aktar minn semplici kliem, imma tindirizzana għall-futur fejn aħna nantiċipaw u ngħinu lil xulxin biex nibnu Ġerusalemm tas-sema.

L-għajta minn Ġerusalem għall-għaqda fost l-Insara tasal lill-Knejjes kollha tad-dinja. Bil-firdiet li jeżistu u l-

bżonn li jsir aktar għall-għaqda fil-Ġisem ta' Kristu, il-Knejjes ta' Ġerusalemm jitolbu lill-Insara kollha biex jerġgħu jiskopru il-valuri li kienu jorbtu flimkien dik il-komunita Nisranija tal-bidu.

## *L-erba' elementi għall-Unita'*

It-talb għall-Ġimgħa Ekumenika ta' Jannar 2011 tħejja mill-Insara ta' Ġerusalemm. Minnha nfisha, it-tħejjija ta' dan il-materjal kienet esperjenza ekumenika peress li kienu nvoluti nsara minn Knejjes u Komunitajiet differenti. *Ħaġa waħda fit-tagħlim ta' l-appostli u fl-għaqda ta' bejniethom, fil-qsim tal-ħobż u fit-talb.* Din it-tema hija għajta għall-oriġini tal-ewwel Knisja f'Ġerusalemm; hija għajta għall-ispirazzjoni u t-tiġdid, ritorn għall-essenzjal tal-fidi; hija għajta li tfakkar iż-żmien meta il-Knisja kienet għadha magħquda.

F'din it-tema hemm preżenti erba' elementi li kienu jidentifikaw il-komunita' Nisranija u li huma essenzjali għall-ħajja nisranija hi fejn hi.

*L-ewwel.* Il-Kelma għaddiet lill-oħrajn mill-appostli.

*It-tieni.* Għal dawk li kienu minn ta' l-ewwel li emmnu, l-għaqda ta' bejniethom (*koinonia*) kienet aspett importanti kull meta kienu jiltaqgħu flimkien.

*It-tielet*. Dak li identifika l-Knisja tal-bidu kienet iċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija (il-qsim tal-ħobż) li jfakkar il-Patt ġdid li Ġesu' għamel fit-tbatija, il-mewt u l-qawmien tiegħu.

*Ir-raba'.* Dan l-aspett huwa l-offerta ta' talb bla waqfien.

Dawn l-erba' elementi huma is-sisien tal-ħajja tal-Knisja u tal-għaqda tagħha.

Il-Komunita Nisranija fl-Art Imqaddsa tixtieq tagħti importanza speċjali lil dawn l-elementi essenzjali billi tgħolli leħinha fit-talb lil Alla għall-għaqda u s-saħħa spiritwali tal-Knisja fid-dinja kollha.

## *It-Temi partikulari għat-tmint ijiem*

Hawn insibu l-vjaġġ tal-fidi li jiftiehem aktar bit-temi ta' dawn it-tmint ijiem.

*L-ewwel jum.* Ifakkarna fil-kontinwita' tal-Knisja ta' Ġerusalemm mal-Knisja fid-dinja kollha. Niftakru fil-kuraġġ tal-Knisja tal-bidu li tat xhieda għas-sewwa,

bħalma l-lum aħna rridu nagħmlu għall-ġustizzja f'Ġerusalemm u l-bqija tad-dinja.

*It-tieni jum.* Ifakkar fl-ewwel komunita' miġbura flimkien għal Pentekoste li fiha kien hemm gruppi ta' oriġini differenti bħalma l-lum il-Knisja f'Ġerusalemm tirrappreżenta diversita' rikka ta' tradizzjonijiet Insara.

*It-tielet jum.* Iħares lejn l-ewwel element tal-unita': il-Kelma t'Alla mwassla mit-tagħlim tal-appostli.

*Ir-raba' jum.* Jisħaq dwar il-Qsim tal-Ħobż bħala t-tieni espressjoni tal-unita'. Bħall-ewwel Insara, il-Knisja ta' Ġerusalemm titlobna biex naqsmu il-ġid u t-tbatijiet bil-ferħ u bi qlub ġenerużi biex ħadd ma jonqsu xejn.

*Il-ħames jum.* (Tifkira ta' San Publiju) Dan il-jum jesprimi dan: il-qsim tal-ħobż, li jgħaqqadna flimkien fit-tama. L-għaqda tagħna tmur lil hinn mill-Ewkaristija; trid tinkludi attitudni xierqa lejn il-ħajja ta' kuljum, il-bniedem u l-komunita' kollha.

*Is-sitt jum.* Jippreżenta r-raba' element tal-unita': mal-Knisja ta' Ġerusalemm, insostnu ruħna bit-talb. Proprju t-talba tal-Missierna tgħajjat lilna lkoll f'Ġerusalemm u mad-dinja kollha, lill-batut u lill-qawwi, biex naħdmu flimkien għall-ġustizzja, il-paċi u l-għaqda sabiex is-Saltna t'Alla tasal.

*Is-seba' jum.* Il-Knisja ta' Ġerusalemm tipproklama bil-ferħ l-Irxoxt anke waqt li s-salib ikun tqil u jweġġa'.

*It-tmien jum.* Dan itemm il-vjaġġ b'għajta mill-Knejjes ta' Ġerusalemm għal impenn aktar wiesa' ta' rikonċiljazzjoni. Anke jekk l-Insara jaslu għall-għaqda sħiħa bejniethom, il-ħidma tagħhom ma tkunx lesta, għax ikun għad fadlilhom li jirrikonċiljaw ruħhom ma' bnedmin oħra.

## Ħsieb qasir għal kull ġurnata

### *(Dan jista' jinqara fil-bidu tal-quddiesa)*

### It-Tlieta 18/1

Illum, flimkien mal-Insara tad-dinja kollha qegħdin nagħtu bidu għall-Ġimgħa ta' Talb għall-għaqda fost l-insara. Din hija ġimgħa importanti fil-kalendarju nisrani. Hija gimgħa fejn mhux biss nitolbu, kif inhu dmir tagħna, biex terġa' sseħħ l-għaqda fost l-insara mifrudin, imma wkoll biex inkunu konxji tal-fatt li hemm ferm aktar x'jgħaqqadna magħhom milli x'jifridna. It-tema magħżula għal din is-sena hija: "*Ħaġa waħda fit-tagħlim ta' l-appostli u fl-għaqda ta' bejniethom, fil-qsim tal-ħobż u fit-talb*", mill-Ktieb tal-Atti tal-Appostli.

### L-Erbgħa 19/1

Bħalma dakinhar ta' Pentekoste, ġewwa Ġerusalemm, kien hemm nies minn bosta kulturi, nazzjonijiet u ilsna li semgħu lil San Pietru u lill-Appostli l-oħra jippritkaw, ejjew niftakru li fostna l-Insara hemm diversita' ta' tradizzjonijiet, u anke xi

differenzi fit-tagħlim. Illum ejjew nitolbu biex l-Insara kollha jitgħallmu jiddjalogaw aktar bejniethom u jaħdmu biex jingħelbu l-firdiet.

**Il-Ħamis 20/1**

L-ewwel insara kienu "ħaġa waħda fit-tagħlim ta' l-appostli u fl-għaqda ta' bejniethom, fil-qsim tal-ħobż u fit-talb" (Atti 2,42). Ejjew niftakru kemm l-unita' hija aspett importanti fil-ħajja ta' dawk li huma segwaċi ta' Ġesu', jiġifieri tagħna l-insara. Ejjew inkunu minn ta' quddiem biex nitolbu għal din l-għaqda u naħdmu għaliha.

**Il-Ġimgħa 21/1**

L-Ewkaristija hija l-pedament tal-komunita' nisranija li tiċċelebra kuljum, fid-dinja kollha, dan is-sagrament tal-misteru tat-tbatija, il-mewt u l-qawmien ta' Ġesu' Kristu. Sfortunatament, l-insara mifrudin bejniethom ma jistgħux jieħdu sehem flimkien minn artal wieħed. Ma nistgħux niċċelebraw flimkien is-sagrament tal-għaqda tagħna fi Kristu meta filfatt hemm firdiet li jżommuna 'l bogħod minn xulxin. Dan huwa ta' dispjaċir kbir għalina, u llum se nitolbu biex isseħħ fost l-Insara dik il-għaqda li ried Kristu.

**Is-Sibt 22/1**

Illum f'Malta u f'Għawdex issir it-tifkira ta' San Publiju, il-mexxej tal-gżira li laqa' lil San Pawl, nawfragu ġewwa pajjiżna. San Publiju laqa' għandu lill-Appostlu, u lil 275 ruħ oħra li kienu ma' Pawlu fuq il-ġifen: eżempju ċar ta' solidarjeta' u ta' ospitalita'. Ejjew inħallu l-qawwa tal-Ewkaristija li niċċelebraw twassalna biex naħsbu f'ħaddieħor, b'mod partikulari fir-refuġjati, f'dawk l-insara li jgħixu fostna u li mhumiex Kattoliċi, u f'dawk il-bnedmin li jħaddnu reliġjon oħra.

**Il-Ħadd 23/1**

Min-nhar it-Tlieta li għadda sa nhar it-Tlieta li ġej, l-Insara madwar id-dinja kollha qegħdin jagħmlu talb speċjali għall-għaqda biex jingħelbu l-firdiet li jeżistu fosthom. Illum, fil-bidu tat-Tieni Qari, mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl lill-Korintin, l-Appostlu Missierna jgħid lin-nies ta' dik il-belt u lilna wkoll: "Nitlobkom, ħuti, f'isem Sidna Ġesu' Kristu, biex tkunu taqblu fi kliemkom u ma jkunx hemm firdiet fostkom. Kunu magħqudin kif imiss, ħsieb wieħed u fehma waħda". Ejjew nitolbu, illum u f'dawn il-jiem li ġejjin, għall-għaqda fost l-insara.

**It-Tnejn 24/1**

Ejjew, f'din il-Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda fost l-Insara, nitolbu biex l-Insara ta' kull Knisja, denominazzjoni u tradizzjoni, isammru l-ħarsa tagħhom fuq is-Salib ta' Ġesu', u jfasslu ħajjithom fuqu.

**It-Tlieta 25/1**

Illum, fil-Festa tal-Konverżjoni tal-Appostlu Missierna San Pawl, tiġi fi tmiemha l-Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda fost l-Insara. Fil-konverżjoni tiegħu, Sawlu beda relazzjoni ġdida ma' Ġesu'. Tħabbeb miegħu u għex ir-rikonċiljazzjoni li offrielu l-Mulej. Ejjew, illum nitolbu biex l-Insara mifrudin jegħlbu l-firdiet li ilhom is-sekli jifnuhom. Ejjew nitolbu għar-rikonċiljazzjoni fost l-Insara.

## Talbiet ta’ maħfra

1. Maħfra Mulej għal meta ma konniex leali u ma konniex magħquda flimkien fit-tagħlim tal-appostli. Mulej ħniena.

2. Fil-waqt li niftakru fil-mirakli u għeġubijiet li bihom stagħġbu l-ewwel Insara, maħfra Mulej, għan-nuqqas ta' fidi li twaqqafna milli naraw il-glorja tiegħek fostna. Kristu ħniena.

3. Maħfra Mulej għal meta ma qsamniex il-ġid tagħna mal-oħrajn speċjalment ma’ min hu fil-bżonn jew użajna l-ġid ta' ħaddieħor ħażin. Mulej ħniena.

## Talbiet tal-komunita’

1. Missier qaddis, b'qawwa tal-għaġeb ġbart flimkien l-ewwel insara fil-belt ta' Gerusalemm. Imliena bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu biex inkunu sodi fix-xandir tal-Aħbar it-tajba tar-rikonċiljazzjoni u l-paċi fejn hemm l-inkwiet u l-inġustizzji. Nitolbu.

2. Mulej, li minnek toħroġ kull ħajja, għin lill-Knisja tiegħek biex twettaq is-sejħa tiegħek biex tkun komunita' magħquda ħaġa waħda fl-imħabba. Nitolbu.

3. Għin lill-komunitajiet tagħna biex napprezzaw id-diversi tradizzjonijet Insara u naħdmu flimkien għal aktar ftehim. Nitolbu.

4. Alla tad-dawl, inti li tajtna l-Kelma tal-ħajja u rċevejna t-tagħlim tal-appostli, agħtina l-Ispirtu tiegħek biex nikbru fl-għarfien tal-Kelma tiegħek biex naqduk fis-saltna tiegħek ta' umilta' u mħabba. Nitolbu.

5. Alla ġust u ġeneruż, ħarisna mill-egoiżmu tagħna u qanqalna bil-grazzja tiegħek biex inkunu strumenti ta' mħabbtek. Ipprovdilna okkażjonijet fejn nistgħu naqsmu dak li inti stess tagħtina. Nitolbu.

6. Mulej li tnissel fina t-tama permezz tal-mejda tal-Ewkaristija, fejn fl-Ispirtu niltaqgħu ma' Ġesu', nitolbuk tressaq il-komunitajiet Insara aktar lejn xulxin biex ikunu Knisja waħda, lkoll immexxija minn ragħaj wieħed. Nitolbu.

7. Mulej Alla Missierna li inti fis-smewwiet, aħna nfaħħruk li fiż-żminijiet kollha, postijiet u kulturi,

tant persuni resqu lejn xulxin permezz tat-talb. Għallimna nitolbu aħjar bħala Insara flimkien ħalli nagħrfu iżjed li inti dejjem magħna biex tmexxina u biex tagħmlilna kuraġġ fil-ferħ u niket tagħna. Nitolbu.

8. Mulej, protettur tar-romol, orfni, barranin, f'dinja mimlija diffikultajiet, Int qajjimt lil Ibnek Ġesu' mill-mewt biex tagħti t-tama lill-umanita' u tiġdid lid-dinja. Kompli saħħaħna u għaqqad lill-Knisja fl-isfidi kontra l-forzi tal-mewt tad-dinja. Nitolbu.

9. Agħti l-grazzja tal-paci u l-ġustizzja fl-art fejn inti għext, ħalli Ġerusalemm tkun verament il-post tal-għaqda u sliem. Nitolbu.

10. Missier qaddis, imla bil-kuraġġ u l-qawwa lil dawk li qed jimpenjaw irwieħhom fil-mixja ta' konverżjoni biex il-Knejjes Insara isiru aktar ħaġa waħda kif jixtieqna Ġesu u b'hekk id-dinja temmen li Ġesu' hu l-mibgħut tiegħek mhux biex jiġġudikaha imma biex isalvaha. Nitolbu.

11. Qanqalna Mulej biex dejjem nagħmlu decizjonijiet favur il-ħajja tal-bniedem u ta' kull ħajja oħra. Nitolbu.

## ADORAZZJONI ANIMATA

## WAQT IL-ĠIMGHA TA' TALB GHALL-GHAQDA

## FOST L-INSARA

*Ħaġa waħda fit-tagħlim tal-appostli u fl-għaqda ta' bejniethom, fil-qsim tal-ħobż u fit-talb*

**Espożizzjoni**: Kant ta' Innu Ewkaristiku

### Ħsieb 1: Introduzzjoni

Ħuti għeżież, ġejna hawnhekk flimkien, illum, quddiem Ġesu' Ewkaristija biex nitolbu għal intenzjoni partikulari, intenzjoni li forsi s-soltu ma tantx nagħtuha importanza. Qegħdin waqt il-Ġimgħa ta' Talb li jsir mad-dinja kollha għall-Għaqda fost l-Insara. Kull sena, bejn it-18 ta' Jannar u l-25 ta' Jannar, Festa tal-Konverżjoni tal-Appostlu tal-Ġnus, San Pawl, issir din il-ġimgħa ta' interċessjoni biex l-insara mifrudin jersqu aktar lejn xulxin, bit-tama li jingħelbu l-firdiet bejn il-Knejjes u d-denominazzjonijiet insara differenti. Sfortunatament, fl-istorja twila tagħha, il-Knisja ġarrbet bosta firdiet. Insemmu l-firda tal-Ortodossi fis-

Seklu Ħdax, u aktar tard, il-firda tal-Protestanti, fis-Seklu Sittax.

L-għan tagħna, illum, waqt din l-adorazzjoni huwa li nitolbu biex l-insara mifruda jersqu aktar lejn xulxin billi jegħlbu suspetti antiki, u biex il-ħidma ekumenika li ssir mill-Insara tħalli frott li jidher. Matul din il-ġimgħa, u drabi oħra matul is-sena, ħafna huma l-Insara li jinġabru flimkien sabiex jitolbu għall-għaqda. Ġesu' stess, lejlet il-Passjoni tiegħu, talab bil-ħerqa lill-Missier: "Nitolbok li jkunu lkoll ħaġa waħda. Kif inti fija, Missier, u jiena fik, ħa jkunu huma wkoll ħaġa waħda fina, biex hekk id-dinja temmen li inti bgħattni" (Ġw 17,21).

*Pawsa ta' adorazzjoni fis-skiet*

**Talbiet ta' maħfra:**

Maħfra Mulej għal meta ma konniex leali u ma konniex magħquda flimkien fit-tagħlim tal-appostli. Mulej ħniena.

Fil-waqt li niftakru fil-mirakli u għeġubijiet li bihom stagħġbu l-ewwel Insara, maħfra Mulej, għan-nuqqas

ta' fidi li twaqqafna milli naraw il-glorja tiegħek fostna. Kristu ħniena.

Maħfra Mulej għal meta ma qsamniex il-ġid tagħna mal-oħrajn speċjalment ma' min hu fil-bżonn jew użajna l-ġid ta' ħaddieħor ħażin. Mulej ħniena.

**Qari 1**

Wieħed mill-iqsar salmi huwa Salm 133. Huwa għanja li kienu jkantaw il-Lhud huma u resqin lejn Ġerusalemm, waqt il-pellegrinaġġi tagħhom fil-belt qaddisa tagħhom fejn kienu jmorru biex bħala poplu wieħed jiċċelebraw il-festi l-kbar fil-kalendarju reliġjuż tagħhom. F'dan is-salm, għandna tifħir lill-imħabba tal-aħwa. Ejjew nitolbu dan is-salm filwaqt li napplikawh għax-xewqa u t-talba tagħna li "l-aħwa jgħammru flimkien". Waqt li nisimgħu dan is-salm, ejjew ħuti, inkomplu ngawdu l-preżenza tal-Mulej fis-sagrament tal-Ewkaristija.

*Salm 133*

Kemm hi ħaġa sabiħa u ħelwa,

li l-aħwa jgħammru flimkien!

Bħal żejt mill-aħjar imsawwab fuq ir-ras,

li jinżel mal-leħja tiegħu,

li jinżel mal-leħja ta' Aron,

sa fuq l-għonq ta' ħwejġu.

Hu bħan-nida tal-Ħermon,

li tinżel fuq l-għoljiet ta' Sijon;

għax hemm il-Mulej jagħti l-barka,

hemm jagħti ħajja għal dejjem.

**Ħsieb 2**

It-tema li ntgħażlet għal din is-sena mill-Vatikan u mill-Kunsill Dinji tal-Knejjes hija silta sabiħa li nsibu fil-ktieb tal-Atti tal-Appostli – kliem li jagħtina stampa sabiħa tal-ewwel komunita' nisranija: "*Ħaġa waħda fit-tagħlim tal-appostli u fl-għaqda ta' bejniethom, fil-qsim tal-ħobż u fit-talb*" (Atti 2,42). Meta napplikaw dan il-kliem għall-għan tat-talb li qed isir matul din il-ġimgħa ekumenika, malajr nindunaw li għalkemm f'xi aspetti aħna qed ngħixu l-komunjoni fi ħdan il-Knisja, imma minħabba l-firdiet li jeżistu fost l-insara ma nistgħux ngħidu li aħna lkoll "*ħaġa waħda fit-tagħlim tal-appostli u fl-għaqda ta' bejnietna, fil-qsim tal-ħobż u fit-talb*". Il-Mulej Ġesu' jrid li aħna l-Insara – kemm jekk Kattoliċi bħalna, kemm jekk Ortodossi, jew

Anglikani, jew Luterani – nagħmlu minn kollox biex nersqu aktar lejn xulxin, u biex flimkien nagħtu xhieda tal-Aħbar it-Tajba li tana Kristu. Ejjew issa nisimgħu s-silta sħiħa mill-Atti tal-Appostli minn fejn ittieħdet it-tema.

## Qari 2

Qari mill-Atti tal-Appostli (2,37-47)

[Dakinhar ta' Pentekoste, in-nies prezenti] qalu lil Pietru u lill-appostli l-oħra: "L-aħwa, x'għandna nagħmlu aħna?" U Pietru weġibhom: "Indmu, u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu għall-maħfra ta' dnubietkom; u intom tirċievu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu. Għax il-wegħda qiegħda għalikom u għal uliedkom u għal dawk kollha li huma fil-bogħod, dawk kollha li l-Mulej Alla tagħna sejjħilhom." U b'ħafna kliem ieħor tahom xhieda u wissiehom billi qalilhom: "Salvaw lilkom infuskom minn dan in-nisel ħażin." Għalhekk dawk li laqgħu kliemu tgħammdu u dak in-nhar

ingħaqdu mad-dixxipli madwar tlitt elef ruħ. U kienu jżommu sħiħ fit-tagħlim ta' l-appostli u fl-għaqda ta' bejniethom, fil-qsim tal-ħobż u fit-talb.

Waqa' mbagħad il-biża' fuq kulħadd għax ħafna kienu l-mirakli u s-sinjali li kienu jsiru permezz ta' l-appostli. Dawk kollha li kienu jemmnu kienu ħaġa waħda, u kienu jaqsmu kollox bejniethom, ibigħu ġidhom u kull ma kellhom u jqassmu d-dħul bejn kulħadd, skond il-ħtieġa ta' kull wieħed. U kuljum kienu jmorru fit-tempju flimkien, jaqsmu l-ħobż fi djarhom, u jissieħbu fl-ikel bi qlub ferħana u safja; u kienu jfaħħru lil Alla, u l-poplu kollu kien iġibhom. U minn jum għal ieħor il-Mulej kien iżidilhom magħhom lil dawk li jkunu salvi.

*Il-Kelma tal-Mulej.*

*Inroddu ħajr lil Alla.*

*Ftit mumenti ta’ riflessjoni fis-skiet*

## Ħsieb 3

Fis-silta li tħabbritilna mill-Atti tal-Appostli, smajna dwar waħda mill-esperjenzi tal-ewwel komunita' nisranija. Rajna x-xewqa tagħhom li jiskopru l-Mulej. Rajna wkoll kif il-laqgħa tagħhom mal-Mulej u l-għaqda li kienu jgħixu bejniethom waslu biex dik il-komunita' ġdida – tas-segwaċi ta' Ġesu' – tkun mhux biss waħda magħquda, imma tkun komunita' b'differenza. Kienu jispikkaw fiha erba' aspetti : il-fedelta' fit-tagħlim, l-għaqda fil-komunita', iċ-ċentralita' tal-Ewkaristija, u t-talb komunitarju.

Ninsabu hawn quddiemek, Mulej Ġesu' fis-sagrament tal-Ewkaristija, li huwa t-tifkira ħajja tal-Passjoni, il-Mewt u l-Qawmien tiegħek. Dan huwa s-Sagrament tal-Għid il-Kbir. Bħala nsara, Inti tridna nxandru din l-Aħbar it-Tajba. Inti kont preżenti fl-ewwel komunita' tal-Appostli u d-dixxipli tiegħek. Dak l-ewwel nukleu ta' nsara kien bħal ħmira tal-Knisja kif nafuha llum. Ix-xhieda tagħna l-Insara tista' tkun aktar qawwija kemm-il darba aħna nkunu aktar magħqudin bejnietna. Ejjew nitolbu li aħna l-Kattoliċi nersqu b'imħabba akbar lejn insara oħra mifrudin minna. Ejjew nitolbu għall-għaqda fostna biex ix-xhieda tagħna tkun aktar b'saħħitha u aktar kredibbli.

*Pawsa fis-skiet*

## Qari 3 – Salm Responsorjali (*Salm 138*)

Ejjew, issa nkomplu t-talb tagħna billi ningħaqdu mas-Sultan David li spiss kien jieqaf jitlob bil-qalb lill-Mulej. Bejn vers u ieħor tas-Salm 138, ngħidu flimkien: *Mulej, kattar l-qawwa f'ruħna*.

Inroddlok ħajr, Mulej, b'qalbi kollha,

għaliex int smajt kmiem fommi.

Quddiem l-allat irrid ngħannilek.

R.

B'wiċċi fl-art ninxteħet quddiem is-santwarju tiegħek,

u nroddlok ħajr għat-tjieba u l-fedelta' tiegħek,

għax int kabbart ismek u kelmtek fuq kollox.

Meta sejjaħtlek, int weġibtni,

kattarli l-qawwa f'ruħi.

R.

Iroddulek ħajr, Mulej, is-slaten kollha tal-art,

għaliex semgħu l-kliem ta’ fommok.

U jgħannu l-imġiba tal-Mulej,

għax kbir hu sebħ il-Mulej.

Kbir il-Mulej, imma jieħu ħsieb iż-żgħar;

u, għalkemm fl-għoli, jagħraf mill-bogħod.

R.

Jekk insib ruħi fl-għali, inti tħarisli ħajti.

Il-Mulej iżomm kelmtu miegħi.

It-tjieba tiegħek, Mulej, tibqa’ għal dejjem;

la titlaqx għemil idejk!

R.

***Talbiet tal-Komunita’***

Mulej, niżżuk ħajr tal-grazzji kollha li inti ssawwab fuqna. Niżżuk ħajr ta’ dan il-ħin li għaddejna f’adorazzjoni quddiemek, u ta’ dak kollu li tlabna fil-fond ta’ qalbna. Issa, se nagħmlu xi talbiet komunitarji :

Missier qaddis, b'qawwa tal-għaġeb ġbart flimkien l-ewwel insara fil-belt ta' Gerusalemm. Imliena bil-

qawwa tal-Ispirtu s-Santu biex inkunu sodi fix-xandir tal-Aħbar it-tajba tar-rikonċiljazzjoni u paċi fejn hemm l-inkwiet u l-inġustizzji. Nitolbu.

Mulej, li minnek toħroġ kull ħajja, għin lill-Knisja tiegħek biex twettaq is-sejħa tiegħek biex tkun komunita' magħquda ħaġa waħda fl-imħabba. Nitolbu.

Għin lill-komunitajiet tagħna biex napprezzaw id-diversi tradizzjonijet Insara u naħdmu flimkien għal aktar ftehim. Nitolbu.

Alla tad-dawl, inti li tajtna l-Kelma tal-ħajja u rċevejna t-tagħlim tal-appostli, agħtina l-Ispirtu tiegħek biex nikbru fl-għarfien tal-Kelma tiegħek biex naqduk fis-saltna tiegħek ta' umilta' u mħabba. Nitolbu.

Mulej li tnissel fina it-tama permezz tal-mejda tal-Ewkaristija, fejn fl-Ispirtu niltaqgħu ma' Ġesu', nitolbuk tressaq il-komunitajiet Insara aktar lejn xulxin biex ikunu Knisja waħda, lkoll immexxija minn ragħaj wieħed. Nitolbu.

Mulej Alla Missierna li inti fis-smewwiet, aħna nfaħħruk li fiż-żminijiet kollha, postijiet u kulturi, tant persuni resqu lejn xulxin permezz tat-talb. Għallimna nitolbu aħjar bħala Insara flimkien ħalli nagħrfu iżjed li inti dejjem magħna biex tmexxina u biex tagħmlilna kuraġġ fil-ferħ u niket tagħna. Nitolbu.

Agħti l-grazzja tal-paci u l-ġustizzja fl-art fejn inti għext, ħalli Ġerusalemm tkun verament il-post tal-għaqda u sliem. Nitolbu.

Missier qaddis, imla bil-kuraġġ u l-qawwa lil dawk li qed jimpenjaw irwieħhom fil-mixja ta' konverżjoni biex il-Knejjes Insara isiru aktar ħaġa waħda kif jixtieqna Ġesu' u b'hekk id-dinja temmen li Ġesu' hu l-mibgħut tiegħek mhux biex jiġġudikaha imma biex isalvaha. Nitolbu.

Fis-skiet ta' qalbna, inressqu t-talbiet personali tagħna lill-Mulej.

*Pawsa qasira*

Inħejju ruħna biex nirċieva l-Barka ta' Ġesu' fl-Ewkaristija.

## Tagħrif ieħor

Siti elettroniċi utli għal informazzjoni ekumenika:

Pontifical Council for Promoting Christian Unity: http://www.vatican.va/roman_curia/pontifical_councils/chrstuni/index.htm

Taize community: www.taize.fr

Centro pro unione: http://www.prounione.urbe.it

Anglican Communion official website: http://www.anglicancommunion.org/

Bose monastic community: http://www.monasterodibose.it

Stampat fis-Segreterija Pastorali,

Kurja tal-Arċisqof, Floriana

5 ta' Jannar 2011